# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

**Appell Numru 474/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Kenneth Cassar**

Illum 28 ta' Lulju, 2022

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kenneth Cassar detentur tal-karta tal-identita` 470480M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja talli fid-29 ta' Lulju, 2019 u fix-xhur ta' qabel ġewwa Marsaskala u f'inħawi oħra madwar dawn il-gżejjer;

1. Ikkaġuna lil Anita Magro ID 94984M biza' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra;

2. Ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lil Anita Magro;

3. Kiser ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fil-konfront ta' Anita Magro imposta fuqu mill- Mgt. Dr. Astrid May Grima LL.D. nhar l-27 ta' Diċembru 2018 u dan sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmija persuna;

U talli nhar l-24/07/2019 fil-ħinijiet ta' bejn 5pm u 6pm ġewwa Marsaskala:

4. Ikkaġuna feriti [*recte*: offizi] ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' omm it-tfal tiegħu, Anita Magro, skont kif iċċertifikat minn Dr. Rose Spiteri M.D. (Med Reg 2535) taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;

u aktar talli

5. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti talMagistrati mill Mgt. Dr. Astrid May Grima LL.D. nhar l-27 ta' Dicembru 2018 meta ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt depożitu u garanzija personali li jammontaw ghal €18,000;

Il-Qorti kienet mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Kenneth Cassar u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat, kif ukoll tordna li s-somma ta' 18,000 ewro jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi ghall-[ghas-sigurta' tal-persuni] ta' Anita Magro jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Kenneth Cassar b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq,

Kif ukoll illi f'kaz ta' ħtija l-Qorti kienet mitluba tittratta lil Kenneth Cassar bħala persuna reċediva meta kienet issentenzjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi li biha sabet lil KENNETH CASSAR ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u kkundannatu ghal tnejn u tletin (32) xahar priġunerija effettiva u ghall-multa ta' elf Euro (€1,000) filwaqt li ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elf Euro (€1,000) mill-ammont kollu stabbilit fid-digriet mogħti fis-27 ta' Diċembru 2018 li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija. Ċaħdet it-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u għar-riarrest mill-ġdid ta' KENNETH CASSAR;

Inolte wara li l-Qorti qieset li huwa meħtieġ u spedjenti sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Anita Magro kontra imġieba tal-ħati li jikkaġuna fastidju u biża' ta' vjolenza, b'żieda mal-piena, ordnat il-ħrug ta' Ordni ta' Trażżin kontra l-istess Kenneth Cassar a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta għal żmien sena u dan taħt it-termini u kundizzjonijiet oħrajn elenkati fid-digrieti mogħtija kontestwalment liema terminu għandu jibda jiddekorri wara li tiġi skontata l-piena ta' priġunerija;

Għall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat ukoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati KENNETH CASSAR sabiex jingħata trattament għall-kontroll ta' rabja u sabiex jegħleb il-vizzju tal-abbuz mid-droga għal perjodu ta' tliet (3) snin, taħt it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment;

Ordnat li s-sentenza tkun notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija, lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin kif ukoll lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kenneth Cassar pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Lulju 2021 li bih talab lil din il-Qorti tirrevoka u **tħassar** is-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skont il-liġi; u <u>alternattivament</u>, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, **tirriforma** s-sentenza billi tikkonfermaha fil-parti tal-ħtija u tħassar il-piena inflitta u minflok tkun imposta piena aktar ekwa u idonea għaċ-ċirkostanzi tal-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Rat il-fedina penali tal-appellant aġġornata kif ordnata mill-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkonsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontati huma dwar allegat fastidju u offiza fuq il-persuna tas-siehba tal-imputat li flimkien kellhom erbat itfal minn relazzjoni ta' ghoxrin sena b'dan illi wara diversi incidenti l-kwerelanta ddecidiet li taghmel rapport lill-Pulizija sia dwar dawn l-allegazzjonijiet kif ukoll dwar ksur ta' ordni ta' protezzjoni mposta fuq l-imputat li minkejja l-istess, xorta wahda baqa' jimmolestaha tant li spiccat xorta wahda toqghod mieghu taht l-istess saqaf sakemm fl-ahhar okkazzjoni aggrediha b'mod li tefa' sigarett mqabbad ma' mnieherha. L-ewwel Qorti sabet htija fl-imputat f'kull imputazzjoni kif ukoll fl-addebitu ta' recidiva u kkundannatu ghall-piena karcerarja kif dettaljat *supra*;

2. L-appellant jillanja s-sentenza appellata b'zewg aggravji fejn filwaqt illi t-tieni wiehed kjarament jirrigwarda l-piena erogata u li bih jitlob varjazzjoni taghha, l-ewwel aggravju huwa biss dwar it-tielet minn hames imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u li dwarhom instab hati. Dan l-aggravju uniku dwar il-mertu huwa limitat ghall-aspett formali tat-tielet imputazzjoni, jigifieri dik tal-ksur tal-ordni ta' protezzjoni ipotizzata fl-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali. Minkejja dan, l-appellant imbaghad jitlob it-thassir tas-sentenza appellata fl-intier taghha meta in effetti qed jillanja sejbien ta' htija f'wahda biss mill-hames imputazzjonijiet. Din l-anomalija timmerita kunsiderazzjoni dwar kif ser tipprocedi l-Qorti minn hawn 'l quddiem qabel kull konsiderazzjoni ohra;

Illi f'dan l-aggravju singolari fil-mertu, l-appellant jallega hekk:

> "Illi l-appellant bir-rispett jissottometti li huwa ma kellux l-intenzjoni illi jisfida lill-Qorti u jikser il-kundizzjoni minnha imposta. L-appellant umilment jirrileva li mill-fatti kif jirrizultaw u l-provi prodotti jidher car illi l-intenzjoni tieghu kienet biss li jkun prezenti matul il-hajja tal-erba' ulied li ghandu, sabiex ikollu relazzjoni tajba mal-istess Anita Magro li kif jidher car, hi kellha l-istess intenzjoni tant illi kienet hi li kienet tfittex il-kumpanija ta' Kenneth Cassar u b'hekk hu konsegwentament kiser l-ordni li kellu minn din l-Onorabbli Qorti u b'hekk jigi rijunit mal-familja tieghu;
>
> Illi ghalhekk f'dan il-kaz ma jistax jigi ritenunt li **l-imputat kellu l-*mens* rea ta' tali ksur** u ghaldaqstant ir-riperkussjonijiet ta' din is-sentenza ser ikunu ta' detriment ikbar fuqu u l-familja tieghu."

3. Illi b'hekk jigi li l-appellant ma ressaq l-ebda aggravju dwar il-biza li holoq f'Anita Magro li ser tintuza vjolenza kontra taghha, l-ewwel imputazzjoni, l-allegat fastidju fil-konfront taghha, it-tieni imputazzjoni, l-offiza fuq il-persuna taghha ravvizata fir-raba' imputazzjoni u finalment il-ksur tal-liberta' provizzorja kif ipotizzata fil-hames imputazzjoni;

4. Illi r-rekwiziti ghar-rikors tal-appell quddiem din il-Qorti huma dawk ravvizati fl-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali li jipprovdu li "apparti l-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, r-rikors tal-appell ghandu jkun fih a) il-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet tal-appell; u t-talba ghat-tahsir jew tibdil tas-sentenza tal-Qorti inferjuri". Isegwi ghalhekk illi n-nuqqas tal-appellant li jaghti r-ragunijiet tal-appell kwantu l-ewwel, it-tieni, r-raba' u l-hames imputazzjoni ghandhom jitqiesu bhala li ma hemmx appell dwarhom mis-sentenza  u li dak li dwaru qed jappella, fil-mertu, huwa biss kwantu t-tielet imputazzjoni.  Bhala konsegwenza, din il-Qorti tista' biss tiehu konjizzjoni tas-sejbien ta' htija kwantu t-tielet imputazzjoni u ma tistax tinoltra u taghmel kunsiderazzjonijiet kwantu l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-hames imputazzjoni. Minkejja dan,  l-aggravju fuq il-piena huwa dwar is-sejbien ta' htija fuq l-imputazzjonijiet kollha u allura hemm tista' tiehu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet l-ohra komprizi flimkien ghal-fini tal-ilment dwar il-piena;

5. Illi kwantu t-tielet imputazzjoni, dik tal-allegat ksur tal-Ordni ta' Protezzjoni, jibda biex jinghad illi kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fir-rakkont tal-fatti: "*Mill-atti jirrizulta ukoll li fis-27 ta' Dicembru, 2018 l-imputat gie mehlus mill-arrest taht garanzija u*

*fost kundizzjonijiet ohrajn imposti fuqu, kien marbut li jirrisjedi fil-fond 41, Triq is-Sur, l-Isla mal-ġenituri tiegħu kif ukoll li jirrinkaza ruħu bejn it-8.00 pm u l-5.30 am.* *Fl-istess data, cioe' 27 ta' Dicembru 2018 gie ukoll mahrug fil-konfront tal-imptuat Ordni ta' Protezzjoni li bis-sahha tieghu gie projbit milli jikkuntattja, javvicina u jsegwi il-movimenti ta' Anita Magro uuliedha kif ukoll milli jikseb access ghall-fond fejn tirrisjedi, tahdem jew tiffrekwenta l-istess Anita Magro u uliedha, anke jekk huwa jkollu interess legali f'dak il-fond, ghall-perjodu ta' sentejn. Mill-provi jirrizulta illi d-digriet li bih l-imputat kien inghata l-helsien mill-arrest kif ukoll l-Ordni ta' Protezzjoni li entrambi nghataw fis-27 ta' Dicembru 2018, kienu ghadhom fis-sehh meta sehhew l-incidenti li xehdet dwarhom Anita Magro quddiem il-Qorti"* [sottolinear ta' din il-Qorti];

6. Illi l-Ordni ta' Protezzjoni mahruga ai termini tal-artikolu 412C (4) tal-Kodici Kriminali kienet esebita in atti mill-Prosekuzzjoni a fol 135 u tifforma parti mid-Dok EH15. Mill-provi akkolti jirrizulta li dan l-ordni inhareg mill-Qorti tal-Magistrati f'kawza kontra l-imputat odjern fuq imputazzjonijiet mahruga ukoll fuq istanza tal-istess kwerelanti li kienet ghadha *sub judice* fiz-zmien tal-kawza mertu tal-appell odjern. Issa, dak li hu kontestat mill-imputat ma huwiex il-fatt inniffsu, liema fatt jirrizulta pruvat b'mod inkonfutabbli bi vjolazzjoni u nuqqas assolut ta' osservazzjoni tal-kondizzjoni, izda l-mankanza tal-intenzjoni kriminuza tieghu jigifieri li fl-agir tieghu hemm nuqqas tal-element formali tar-reat;

7. Illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti, wara li ghamlet kunsiderazzjonijiet dettaljati dwar l-agir tal-imputat fl-allegat

fastidju, theddid, segwiment u offiza fuq il-persuna tal-kwerelanti, kkonkludiet illi "*Kif gie ampjament ippruvat, in segwitu ghall-hrug ta' dik l-Ordni u fil-perjodu ta' zmien indikat fic-Citazzjoni, l-imputat mhux biss ikkuntattja lil Anita Magro izda heddidha, segwiha eventwalment, ipperswadiha wkoll biex tmur toqghod mieghu wara li mar joqghod f'appartament gewwa l-istess kumpless fejn kienet xtrat ir-residenza taghha l-istess Anita Magro. Ghall-Qorti, dan kollu maghdud huwa bizzejjed biex jikkonvinciha li l-imputat naqas b'mod assolut milli jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fid-digriet taghha tas-27 ta' Dicembru 2018 u ghaldaqstant ghandu jinstab hati tat-tielet imputazzjoni*". L-imputat appellant jikkontendi li dak li ghamel, li allura l-Qorti tifhem li mhux qed jikkontesta l-fatt inniffsu konsistenti fil-ksur tal-Ordni b'diversi atti tieghu, ghamlu bl-intenzjoni li jkun prezenti matul il-hajja tal-erba' uliedu u sabiex ikollu relazzjoni tajba mal-istess Anita Magro. Jallega ukoll illi kienet hi li fittxet il-kumpanija tieghu li b'hekk kiser l-ordni ta' protezzjoni;

8. Illi jinghad minnufih illi ma ngiebet ebda prova li kienet il-kwerelanta l-kawza tal-ksur tal-ordni ta' protezzjoni u ghalhekk dan l-argument qed ikun skartat. Frankament il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant jargumenta li ma kellux il-*mens rea* li jikkometti dan ir-reat meta kien espressament projbit milli javvicina lill-kwerelanta b'mizuri li jirrisjedi 'l hinn minn fejn tirrisjedi hi f'kawza ukoll ta' vjolenza kontra l-kwerelanta. Mill-provi prodotti huwa evidenti illi l-imputat ghamel minn kollox sabiex jerga' jibda relazzjoni mal-kwerelanta, b'telefonati, inkontri, insegwiment u sahansitra jorqod maghha taht l-istess saqaf u dan *in complete disregard* ghall-ordni ta' protezzjoni. Il-provi juri li kellu l-intenzjoni diretta li jikser dan l-ordni ghall-fini

li jerga jistabilixxi relazzjoni tieghu mal-kwerelanta u ma hemm xejn x'jiddimostra li ma setghax ma kienx jaf li l-azzjonijiet tieghu setghu iwasslu ghall-ksur ta' dak l-ordni mahrug sabiex jipprotegi lill-kwerelanta mill-allegat swat, theddid, vessament u offizi fuq il-persuna taghha. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

9. Illi jifdal ghalhekk it-tieni aggravju li huwa dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti li huwa jqis bhala manifestament eccessiva. Jibda' biex jinghad in rigward illi l-piena hija fil-parametri tal-ligi u l-ewwel Qorti kienet fil-pjena liberta' li teroga dik il-piena kominata wara li ghamlet kunsiderazzjonijiet meqjusa. Il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tissindika dwar id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti li ghexet il-process u semghet u rat il-mod li bih xehedet il-kwerelanta u emmnet dak li allegat li ghaddiet minnu fil-konfront tal-imputat. L-ewwel Qorti ghazlet li tikkomina piena karcerarja anke wara li l-kwerelanta xehedet fl-ahhar tal-proceduri li r-relazzjoni ta' bejnithom issa "*mhux qeghda hazin. Idejh ma refahiex lanqas jigifieri, lanqas xejn*" u li issa qeghdin f'relazzjoni. Ikkonfermat illi ma jghixux flimkien izda jiltaqghu. Qalet li ma ghandhiex ghalfejn taghfas certu affarijiet fuqu pero dak li xehedet huwa minnu;

10. Illi quddiem din il-Qorti, regghet xehedet il-kwerelanta fuq talba taghha li oltre li rrinunzjat ghall dak kollu li hu rinunzjabbli xehedet li hi lesta li tahfirlu ghaliex hemm hamest itfal. Ifisser dan li fil-mori tal-appell l-partijiet kellhom tarbija ohra fost dan it-taqlib f'hajjithom kif rifless fil-kawza odjerna u fil-kawzi precedenti istitwiti fuq istanza tal-istess kwerelanta. Din il-Qorti ghamlet il-mistoqsijiet li deherilha xieraq lill-kwerelanta

sabiex taccerta ruhha kemm jista' jkun li din id-dikjarazzjoni mhix naxxenti minn xi forma ta' pressjoni ezercitata fuqha. Pero' s'hemm tista' tasal il-Qorti bl-ghodda li ghandha f'idejha fil-konfront tas-suspett li jimbet b'mod naturali f'sitwazzjoni fejn l-appellant huwa rinfacjat bil-possibbli cahda tal-appell tieghu u konsegwenti karcerazzjoni ghal zmien 32 xahar. Minn dak li jemergi mill-atti processwali huwa evidenti illi l-imputat huwa persuna insistenti, dominanti u jrid li l-affarijiet jimxu kif irid hu. Ghal din il-Qorti ma hemm xejn gdid jew mhux solitu li persuna tasal biex jiddispjaciha, jerga' jibdielha jew thoss il-piz tar-rizultat tad-denunzja taghha minkejja li tkun ghaddiet minn martirju qabel ma finalment tasal biex tiehu dak il-pass krucjali fejn taghmel rapport mal-pulizija. L-esperjenza tal-hajja tghallem ukoll li hemm cirkostanzi fejn il-parti tant ssir dipendenti fuq l-allegat agressur li tali aggressjoni ssir parti normali u accettabbli fil-hajja tal-vittma, jew inkella li l-vittma aktar ikollha x'titlef jekk tirraporta l-kaz;

11. L-ewwel Qorti ghazlet il-piena karcerarja ukoll wara li semghet lill-Ufficcjal tal-Probation inkarigata biex thejji *social inquiry report* dwar l-imputat minn fejn jemergi li "*huwa persuna li jabbuza id-droga, huwa persuna ukoll illi taqbizlu hafna, daqsxejn bin-nervi, u ghaldaqstant irrizulta ukoll illi r-reati tieghu principalment saru minhabba il-karattru tieghu u minhabba l-abbuz tad-droga....*". L-istess ufficcjal xehedet illi l-imputat wera x-xewqa li jrid jibdel hajtu u li dan mhux l-ewwel reat konsimili li bih huwa akkuzat. Fis-sottomissjonijiet tieghu quddiem din il-Qorti, izda, l-abbli Avukat mill-Ufficcju tal-Avukat Generali iqis ix-xhieda tal-kwerelanta bhala pass pozittiv fir-riabilitazzjoni tal-imputat appellant. Din il-Qorti tghamilha cara

illi hija l-kwerelanta li ghandha tassumi r-responsabilita' tal-mahfra taghha maghmula quddiem l-avukat ta' fiducja taghha ghaliex frankament din il-Qorti hija konxja ta' sitwazzjonijiet fejn il-mahfra ssir taht pressjoni jew ghal-ragunijiet ta' hniena u ghalhekk qabel il-prolazzjoni ta' din is-sentenza regghet staqsiet lill-kwerelanta jekk hix certa mid-dikjarazzjonijiet taghha u jekk din saritx taht xi forma ta' pressjoni jew le.

12. Illi stante li l-kwerelanta sostniet li qed tahfer lill-imputat, anke jekk l-ebda imputazzjoni mhix rinunzjabbli, qed tiehu dan in konsiderazzjoni u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi hemm lok ta' eccezzjoni ghal-kuncett li l-piena ma tinbidilx jekk mhux ghal-ragunijiet partikolari;

13. Ghalhekk tiddisponi minn dan l-appell billi tichad l-ewwel talba tal-appellant, tilqa t-tieni talba u konsegwentement **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, **tikkonfermaha** f''dik il-parti li biha cahdet it-talba tal-prosekuzzjoni ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u ghar-riarrest mill-gdid tieghu; **thassarha** f'dik il-parti li biha ordnat il-hrug ta' ordni ta' trazzin; **tikkonfermaha** f'dik il-parti li biha ghamlet Ordni ta' Trattament fit-termini tal-artikolu 412 D kontra l-appellant ghal zmien tlett snin (3); **thassarha** f'dik il-parti li biha kkundannat lill-appellant ghal-terminu ta' 32 xahar prigunerija u minflok qed tqieghed lill-Kenneth Cassar taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta; **tikkonfermaha** ukoll f'dik il-parti li biha kkundannat lill-imputat ghal-hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000.00) u f'dik il-parti li ordnat il-konfiska tas-somma ta' elf

euro (€1,000.00) mill-ammont kollu stabbilit fid-digriet moghti fis-27 ta' Dicembru 2018 li bih l-imputat kien inghata l-helsien mill-arrest.

14. Tordna li l-ufficcjal tal-probation ghandu jew ghandha tipprezenta rapport tal-andament tal-probation lil din il-Qorti kull sitt xhur.

15. Il-Qorti ghaddiet biex tfiehem lill-hati l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.